

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Marzu 2017 – El-Qaddafi vs Il-Kunsill

(Kawża T-681/14) ⁽¹⁾

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Libja — Iffriżar ta’ fondi — Restrizzjonijiet ta’ dħul u ta’ passaġġ fi tranżitu fit-territorju tal-Unjoni — Żamma tal-isem tar-rikorrenti — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta’ motivazzjoni”

(2017/C 151/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi (Mascate, l-Oman) (rappreżentanti: inizjalment J. Jones, QC, sussegwentement S. Bafadhel, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Kyriakopoulou u A. de Elera-San Miguel Hurtado, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/380/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2014, L 183, p. 52), sa fejn din iżżomm isem ir-rikorrenti fuq il-lista li tinsab fl-Annessi I u III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2011, L 58, p. 53), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 689/2014, tat-23 ta' Ġunju 2014, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2014, L 183, p. 1), sa fejn dan iżomm isem ir-rikorrenti fuq il-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2010, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU 2011, L 58, p. 1).

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/380/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, hija annullata sa fejn din iżżomm isem Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi fuq il-lista li tinsab fl-Annessi I u III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK, tat-28 ta' Frar 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.*
- 2) *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 689/2014, tat-23 ta' Ġunju 2014, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, huwa annullat sa fejn dan iżomm isem A. El-Qaddafi fuq il-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2010, tat-2 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.*
- 3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 431, 1.12.2014.